**Lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Mario Grech**

Il-Mulej Alla għażlek għax-xogħol tiegħu
biex bik isaħħaħ lil imxerrda rgħajja,
mal-erbat irjieħ tal-globu biex miegħu
tgħinu jimliehom bil-ħeġġa u l-ħajja.

Ħalli taħt idu setgħana w ħanina
jużak biex lilhom jibni fil-qlubija,
bik ifarraġhom meta l-qalb miskina
issib lil min jinfidha b'tant kefrija.

Għax jekk ma nisimgħux lir-rgħajja tagħna
x'garanzija għandna li qed nisimgħu,
lin-nagħġiet li għal Kristu hekk għatxana
kelmtu u ħajtu jridu tant jisimgħu.

Ruħ il-Qdusija sawwab fuqu għerfek
ħa jkun għalik qaddej ħiemed li jserrħek!

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Diċembru 2020